**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**John Attard iben Laurence u Mary nee Gatt imwieled fil-5 t'Awissu 1947 u li joqghod 40A, Triq tal-Qacca, Xaghra, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita' Nru 68047 (G)**

Illum 20 ta' Marzu 2002.

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat talli fit-3 ta' Dicembru 2001 ghall-habta tad-9.50a.m. fir-raba maghruf bhala 'Tat-Twil', fix-Xaghra, Ghawdex, bil-hsieb li jaghmel hsara volontarja lil Michael Attard (Karta ta' l-Identita' Nru 28345 G) mix-Xaghra waqt li kien fuq is-sies tefa' tyre jaqbad fil-qasab ta' l-istess Michael Attard u kkaguna danni li huma aktar minn ghaxar liri Maltin izda inqas minn hamsin lira Maltin (Sec 325 (c) tal-Kap 9).

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati;

Wara li rat l-artikolu 325 (c) tal-Kap 9;

Minkejja li dan l-artikolu jimponi terminu ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur, tqis illi piena ta' rekluzjoni mhix adattata ghal dan il-kaz u ghalhekk bl-aplikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap 9 tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' sittin lira Maltin (Lm60).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur